MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 244/2009

**Fl-atti tal-mandat ta' Qbid bin-Numru 1162/2006 u fl-ismijiet:**

**Joseph Buttigieg**

**vs**

**Franwin Manufacturing Limited.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih Francis Chetcuti wara li espona umilment li hu jaghmel riferenza ghall-mandat hawn fuq indikat u ghall-fatt li l-Ufficjal tal-Qorti esegwixxa dan il-mandat fuq fond bl-indirizz 19, St, Mary Street, Tarxien liema fond huwa mikri lilu personalment hekk kif juri estratt mill-ktieb tal-kera hawn mehmuz;

Illi hu jirrileva illi l-oggetti elenkati mill-Ufficjal tal-Qorti hekk kif jirrizulta mill-atti tal-mandat huma tieghu

personalment u li hu ikkomunika dan lill-istess Ufficjal tal-Qorti waqt l-esekuzzjoni tal-mandat;

Illi ghalhekk l-oggetti hemmhekk elenkati ghandhon jinhelsu mill-effetti ta’ dan il-mandat stante ma jappartjenux lis-socjeta’ debitrici izda lill-esponent ‘proprio’;

Illi hu lest illi jikkonferma dan kollu bil-gurament tieghu talab umilment li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, tehles l-oggetti elenkati mill-Ufficjal tal-Qorti mill-effetti tal-mandat ta’ qbid hawn fuq indikat.

Salv kull provvediment iehor li joghgobha taghti din il-Qorti.

Rat l-imsemmi mandat ta’ qbid ezebit in atti a fol 3 et seq ibid inkluza s-sentenza annessa mieghu a fol 5 u fol 6 ibid u l-kopja tal-ircevuta ezebita a fol 1A ibid.

Rat ir-risposta ta’ l-intimati (a fol 22 ta’ l-istess atti) u li biha esponew bir-rispett-

Illi l-Mandat ta’ Qbid hawn fuw indikat huwa Mandat Ezekuttiv li nhareg wara sentenza fl-ismijiet hawn fuq premessi, deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fid-9 ta’ Mejju 2005 (Avv. 1593/04 JB);

Illi l-fond de quo huwa l-fond minn fejn is-socjeta’ Franwin Manufacturing Limited topera;

Illi r-rikorrent Francis Chetcuti filfatt huwa sid/direttur tas-socjeta’ Franwin Manufacturing Ltd;

Illi effettivament il-ktieb tal-kera pprezentat jirrigwarda kirja ta’ hanut (“of a shop”), u dan ghalhekk jikkorrobora dak hawn fuq premess;

Illi l-oggetti maqbuda jappartjenu lis-socjeta’ Franwin Manufacturing Ltd u mhux lil Francis Chetcuti;

Illi d-dokumenti esebiti minn Francis Chetcuti jirrigwardaw kera ta' hanut u mhux ta' l-istokk jew oggetti ohra kif elenkati u maqbuda fil-Mandat de quo;

Illi t-talba ta' Francis Chetcuti m'hiex fondata fil-fatt u fid-dritt u lanqas ma hi gustifikata;

Illi ghaldaqstant ir-rikors odjern mhu xejn hlief tentattiv ahhari tas-socjeta' Franwin Manufacturing Ltd biex tevita l-obbligi taghha;

Ghaldaqstant, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi t-talba ta' Francis Chetcuti ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi, fil-qasir, mill-provi jidher li l-intimati, permezz ta' sentenza moghtija mit-Tribunal Kompetenti fid- 9 ta' Mejju 2005, gew kannonizzati kredituri tas-socjeta' 'Franwin Manufacturing Ltd' fis-somma ta Lm 169 (mija, disgha u sittin liri Maltin) u dan billi kienet kontumaci (fol 5 ibid).

Illi wara mandat ta' qbid presentat in esekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza u akkolt (a fol 3 et seq ibid), l-istess mandat gie ezegwit fil-post 'Franwin Manufacturing Ltd' ('Hanut Franwin' "mnejn jixtru sallum ir-rikorrenti" – a fol 3 "a tergo") Triq Santa Marija, Tarxien' u gew maqbuda l-oggetti elenkati a fol 4 u l-istess Marixxall ta kopja taghhom, ta' l-istess mandat tar-rikorrenti.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi <u>Francis Chetcuti</u> (fol 25 u fol 26) xehed li l-oggetti maqbuda kienu fil-hanut mikri minnu personalment (ara fol 2 tal-atti) u li jituzaw minnu okkazjonalment ghall-bejgh ta' armi kollha rregistrati fuq ismu. Minn dan il-hanut, ma toperax is-socjeta' debitrici li kienet giet fondata sabiex timanifattura munizzjon wzat fil-kacca. Dwar l-istess socjeta', hu ddeskriviha bhala 'dormant' u kellha fabbrika

fi Triq il-Qoton go Hal Tarxien. Dwar dan il-munizzjon, il-pubbliku kien jixtri l-istess munizzjon prodott f'din il-fabbrika mill-istess hanut.

**Ikkunsidra**

Illi, da parti tal-intimati ma ngiebet l-ebda prova sabiex jipprovaw dak li sostnew fir-risposta taghhom. Avolja inghataw l-opportunita' ghal dan il-ghan.

**Ikkunsidrat**

Illi, fid-dawl ta' dak premess u fin-nuqqas ta' provi ta' kwalunkwe xorta da parti tal-intimati, din il-Qorti trid bilfors tikkonkludi li l-oggetti maqbuda jappartjenu lir-rikorrenti "proprio" avolja jista' jkun hemm suspett li l-istess oggetti jistghu jappartjenu lis-socjeta' debitrici. Minn naha l-ohra ma jistax jigi njorat il-fatt illi l-oggetti gew maqbuda f'hanut mikri personalment lill-istess rikorrenti u ma nstab ebda ness bejn l-istess hanut, bl-oggetti go fih, u s-socjeta' debitrici.

**Ikkunsidrat**

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta b'dan li peress li ma jidhirx mill-verbal tal-esekuzzjoni li r-rikorrenti, effettivament infurmaw lill-Marixxall li l-oggetti m'humiex tad-ditta debitrici u ghalhekk l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jithallsu mill-istess rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti mir-rikors in esami u tehles l-oggetti elenkati mill-Ufficjal tal-Qorti mill-effett tal-mandat ta' qbid fuq indikat, waqt li l-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------